# TLIET GHANJIET ANTIKI MALTIN

Anna Borg Cardona, B.A.,L.T.C.L.,A.T.C.L.

Fl-1791, il-**Konti ta' Saint Priest**, li kien ukoll kavallier ta' San Ġwann, ħareġ ktieb bil-Franċiż jismu "*Malte par un voyageur francois*"[1] Dan ma damx ma sar wieħed mill-kotba l-iżjed imfittxijin mill- vjaġġaturi li kellhom ħsieb jaslu sa' Malta.

Saint Priest ġabar ħafna rqaqat fuq l-istorja ta' Malta u l-ħajja tal-Maltin. Fosthom isemmi li baqa' mistagħġeb bl-imħabba kbira li l-Maltin kellhom għall-poeżija. Jgħidilna li dak iż-żmien missirijietna kienu jgħannu l-poeżiji tagħhom akkumpanjati minn "xi tip ta'vjolin jew lira". Hawnhekk tajjeb ninnotaw li l-għana mhux dejjem kien akkumpanjat mill-kitarri kif inhu illum u forsi jmissna nerġgħu nippruvaw ngħannu iżjed mad-daqqa tal-vjolin illi huwa ħafna iżjed kapaċi jimita l-kisriet u l-meliżmi[2] naturali tal-vuċi fil-għana Malti.

Saint Priest isemmi tliet għanjiet li fis-seklu tmintax diġa kienu jitqiesu bħala "antiki". Jinnota wkoll li dawn il-poeżiji qosra ta' kwartini, kellhom rima ta' *abcb,* li kif nafu huwa t-taqbil l-aktar komuni fil-għana Malti. Dawn l-għanjiet Saint Priest qalibhom għall-Franċiż iżda ra kif għamel u nizżilhom ukoll mill-aħjar li seta' bil-Malti. Dak iż-żmien, il-Malti miktub kien għadu ħaġa rari ħafna u Saint Priest naturalment sabha bi tqila li jirriproduċi dak li sama'. Iżda f'dan sab l-għajnuna ta' *M. l'Abbe Navarro*, li kien il-librar tal-bibljoteka. Għal dawn l-għanjiet, Saint Priest jgħidilna li, peress li ma kienx hemm alfabet fiss, huwa juża ftit ittri Għarbin u oħrajn "mill-alfabet Taljan".[3] Dawn huma l-għanjiet li hu jagħti fl-1791, u li jiena qlibt għall-ortografija ta' llum:

I Min jitma fit-tama / It-tama tqarraq bih,
Jagħmel ir-riħ fil-bomblu / Jaħseb li jsiefer bih.

II Smajt l'inti tarbit l-imħabba, / Għidli fl-imħabba xi ġralek?
Ejja tħaddet għomm(t)ok miegħi / Għax naħseb li jiena ġrali bħalek.

III Għadira li tixrob minnha / Nitolbok la ddardarhiex
Għax imur żmien u jiġi ieħor / Tfittixha u ma ssibhiex.

Għajb kbir illi l-Konti ta'Saint Priest ma jagħtina l-ebda ħjiel ta' kif kienet il-melodija ta' dawn l-għanjiet. Irridu ngħidu li l-interess fil-poeżiji, jew fil-kliem ta' l-għanjiet, beda ħafna qabel nibet xi ftit ta' interess fil-melodiji mużikali Maltin. Iżda l-kliem waħedhom ma jagħmlux il-għanja; jeħtieġu wkoll il-melodija. Tant hu hekk illi meta bil-Malti aħna nużaw il-kelma *Għanja* aħna dejjem infissru l-poeżija flimkien man-noti mużikali tagħha.

Ġara li fl-1822 wasal Malta wieħed jismu **G(ustav) Parthey**, li kien bniedem istruwit f'ħafna suġġetti, bħall-filosofija, il-mitoloġija Griega u l-ġografija, u ppublika għadd ta' kotba fuqhom. Parthey dar Sqallija u wara niżel sa Malta fejn wasal fil-ħdax ta'Lulju. Baqa' hawn sal-bidu ta' Settembru, imbagħad kompla fi triqtu lejn Lixandra. Ta' dan il-vjaġġ twil tiegħu ħalla rendikont dettaljat f'kitba ta' żewġ volumi li semmiehom "*Wanderungen durch Sicilien und die Levante*". L-ewwel volum ġie ppublikat f'Berlin fl-1834 u t-tieni f'Berlin ukoll fl-1840. Fil-paġni 348 sa 412 ta' l-ewwel volum Parthey jiddiskrivi l-miġja tiegħu f'Malta.[4] Mela ġara li dan il-vjaġġatur ukoll iltaqa' ma' l-għanjiet daqstant popolari li kien semma Saint Priest u niżżel tnejn minnhom fil-kitba tiegħu. Insibu li ż-żewġ għanjiet li għażel huma l-ewwel u t-tielet ta' Saint Priest. Iżda Parthey għal xi raġuni għoġbu jniżżilhom bit-Taljan. Wisq probabbli li xi ħadd Malti ta' ċertu livell ta' skola qalibhomlu mill-Malti għall-ilsien Taljan. .

B'xorti tajba għalina, Parthey ma kienx kuntent bil-kliem biss ta' l-għanjiet, iżda żied magħhom in-noti mużikali. U li kieku ma kienx għalih aħna konna nibqgħu ma nafux il-melodija ta' l-għanjiet ta' Saint Priest. Mill-kitba ta' Parthey, jidher li dawn iż-żewġ għanjiet kienu jitgħannew fuq l-istess melodija, ħaġa li ssir spiss fil-għana Malti. Aħna nħobbu nużaw melodija waħda għal ħafna poeżiji differenti. Din hija ħaġa li tiġri ħafna wkoll fit-tradizzjoni Għarbija.

Fl-imgħoddi kien hemm drawwa li wieħed iżid akkumpanjament mal-melodiji sempliċi tradizzjonali. U hekk għamel Parthey. L-istess kien għamel, per eżempju, Badger meta niżżel *Hanina seyr insiefer*[5] u l-istess ukoll kien għamel Edward Jones meta ppublika *Maltese Melodies* u ż-żifniet Maltin f'*Terpsichore's Banquet.*[6] Illum il-ġurnata studjużi tal-mużika jippruvaw kemm jista' jkun la jżidu u lanqas inaqqsu minn dak li jisimgħu.

Il-melodija li fuqha jitgħannew dawn iż-żewġ poeżiji, Parthey isejjħilha *Canzonetta Maltese,* u jien qegħda inġibha hawn (**Ez. Mużikali 1**) kif tidher fl-appendiċi ta' l-ewwel volum tiegħu, fost melodiji popolari Taljani u Sqallin ta' dak iż-żmien. :

**Ez. Mużikali 1. Canzonetta Maltese.**

Biż-żmien, dil-melodija ta' Parthey ntnesiet għal kollox u llum m'għadhiex tinstema' iżjed. Dan hu tassew għajb u kien biex intaffu daqsxejn dan in-nuqqas li jiena u sħabi tal-grupp Ġukulari daqqejnieha u għannejnieha għall-ewwel darba fil-Festival ta' l-Għana li sar fis-16 ta' Mejju 2003, fl-Argotti. Issa forsi xi ħadd ieħor ukoll jitħajjar jgħanni dawn l-għanjiet fuq din il-melodija tant sabiħa. L-għanja numru II ta' Saint Priest, li Parthey ma jsemmihiex, tista' titgħanna faċilment fuq l-istess melodija, kif jistgħu jitgħannew ukoll gzuz ta' għanjiet oħra Maltin ta' l-istess tip.

Hawnhekk jiena nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil Dun Gwann Azzopardi kif ukoll lil Paolo Emilio Carapezza[7] u ngħid illi kieku ma kienx għal Dun Ġwann li ġentilment għaddieli din il-biċċa mużika li kien sab il-mużikologu Carapezza, kieku aktarx illi ma kont qatt nasal biex niskopriha. Billi l-ktieb ta' Parthey huwa miktub bit-Tedesk u b'dan l-ilsien jien ma nafx naqra, x'aktarx illi lanqas ma kont biss nasal inqalleb fih. Meta qrajthom, jiena mill-ewwel għaraft li dawn il-kwartini miktubin bit-Taljan ma kinux għajr traduzzjoni ta' l-għanjiet antiki ta' Saint Priest. Issa, wara dan iż-żmien kollu, il-kliem jista' jerġa' jingħaqad mill-ġdid mal-melodija oriġinali tiegħu.

U b'hekk għandna melodija oħra li biha nistgħu nvarjaw iżjed il-mużika tradizzjonali tagħna, u fl-istess ħin nerġgħu nagħtu l-ħajja lil dawn l-għanjiet antiki Maltin.

**Noti:**

1. Guignard, F.E. De, Comte de Saint Priest. *Malte par un voyageur francois* (Malte: 1791).

2. Meliżmi huma noti differenti li jitkantaw fuq l-istess sillaba. L-Għana la Bormliża (Għana fil-għoli) hu mimli meliżmi.

3. Ara Guignard, F.E. De, Comte de saint Priest. *Op. cit.* p.63

4. G. Parthey, *Wanderungen durch Sicilien and die Levante, 2* volumi (Berlin: U ewwel **voluml834,** i.-tieni voluml840). Il-Bibjoteka Nazionali, Malta, nsibu kopja taż-żewġ volumi ta' Parthey ; ref BN a-6I

5. George Percy Badger, *Description of Malta and Gozo* (Malta: 1838), 84-86.

6- Ghax xoghlijiet ta' Edward Jones ara Anna Borg Cardona. *A Musical Legacy: Malta-related music found in foreign libraries* (Malta: 2002) *75-155.*

7. Carapezza jsemmi 1-ktieb ta' Parthey fix-xoghol tieghu *Antichità Etnomusicali Siciliane,* Archivio delle tradizioni Popolari Siciliane, (Palermo: 1977), 7.